**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 17**
**Rikors Nru. 41/2020 JZM**

**Mary Rose Vella (K.I. 12348M)**

***u***

**Joseph Vella (K.I. 911445M)**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fil-31 ta` Awwissu 2020 li jaqra hekk :–

*Premess illi fit-tnejn (2) ta` Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), is-socjetajiet kummercjali Xlendi Resort Limited (C-43577) u*

*All Seasons Holidays Ltd (C-37825) gew imhassra mir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-Art. 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 Ligijiet ta Malta) kif jidher fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok: A1 u A2.*

*Illi l-esponenti saru jafu b`dan l-izvilupp ricentement, u ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Kap. 386, ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta dawn is-socjetajiet thassru minn fuq l-imsemmi registru.*

*Illi r-rikorrenti Mary Rose Vella hija inter alia azzjonista tas-socjeta` Xlendi Resort Ltd u tas-socjeta` All Seasons Holidays Ltd, u Joseph Vella ghal kull interess li jista` jkollu.*

*Illi, kif se jirrizulta, it-thassir tas-socjeta` Xlendi Resort Limited u ta` All Seasons Holidays Ltd sar skorrettament da parti tar-Registratur tal-Kumpanniji, u fi kwalsiasi kaz, l-esponenti ghandhom interess bhala persuni interessati u aggravati bl-azzjoni tar-Registratur; li s-socjetajiet jibqghu ezistenti peress li ghandhom rabtiet kuntrattwali attivi.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji hassar lis-socjetajiet inkwistjoni minn fuq ir-Registru minghajr ma formalment jew b`missivi gudizzjarji avza lill-ufficjali tal-istess socjetajiet, u minghajr ma accerta ruhu jekk l-istess ufficjali kinux a konjizzjoni tal-azzjoni severa li kienet ser tittiehed fil-konfront tal-kumpanniji li ghandhom interess fihom.*

*Illi huwa wkoll evidenti li r-Registratur tal-Kumpanniji lanqas ma ghamel il-verifiki tieghu fosthom ricerki ipotekarji, ricerki fis-sistemi tal-qorti u stharrig iehor u li permezz tieghu kien jigi rilevat li l-kumpanniji rispettivi huma attivi u ghandhom rabtiet kuntrattwali in vigore.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji hassar lis-socjetajiet Xlendi Resort Ltd u All Seasons Holidays Ltd fl-istess vena ma`ghaxart elef (10,000) socjeta` kummercjali ohra u ghalhekk ir-rikorrenti jesigu li l-azzjoni tar-Registratur kienet wahda kollaterali, sbrigata u minghajr ma qieset l-interessi tal-azzjonisti, ufficjali u/jew kredituri tal-kumpanniji koncernati.*

*Illi in vista tal-kollettivita` tal-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji, xprunata minn urgenza imposta mill-Moneyval, kien wisq iktar jispetta fuq ir-Registratur li fit-cirkostanzi javza b`mod u mezzi ragjonevoli u mifruxa lill-ufficjali u lill-pubbliku ingenerali bl-intenzjonijiet tieghu, sabiex jassigura u jgharraf bl-importanza tal-ezercizzju li kien behsiebu jwettaq, liema ezercizzju kollaterali kien bla precedent.*

*Illi l-pubbliku ingenerali sar jaf bl-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpannlji wara li sar l-ezercizzju inkwistjoni, u dan permezz ta` artikli li dehru fil-gazzetti lokali tas-17 u 18 ta` Lulju 2020 fost l-ohrajn (vide Dok. B).*

*Illi r-Registratur lanqas ma ha konjizzjoni tal-fatt li s-socjeta` All Seasons Holidays Ltd (C-37825) ghandha Amministratur Provvizorju u l-amministrazzjoni tal-kumpannija ma kinitx iktar f` idejn ir-rikorrenti.*

*Illi hekk ukoll is-socjeta` Xlendi Resort Limited hija parti f`konvenju datat it-tmienja (8) ta` Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan rigward trasferiment ta` proprjeta` immobbli lil terzi sabiex tkun f`pozizzjoni illi fuq kollox tissalda lill-kredituri taghha u ta` All Seasons Holidays Ltd li jinkludu fost l-ohrajn lill-Bank of Valletta plc, Enemalta plc u kredituri privati (Dok. C).*

*Illi permezz ta` dan il-konvenju ffirmat quddiem in-Nutar Dr Kristen Dimech, Joseph Vella [K.I. 911445M) u Mary Rose Vella (K.I. 12348G) f` isimhom proprju u f` isem u fl-interess ta` Xlendi Resort Limited (C-43577) obbligaw ruhhom li jbieghu, jassenjaw u jittrasferixxu lis-socjeta` Excel Investments Limited [C-81721) is-segwenti :*

*a) Il-lukanda minghajr numru bl-isem "Hotel Xlendi" fi Triq San Xmun b`faccata ohra fuq Triq il-Punici gja` Triq Atena, Xlendi fil-limiti tal-Munxar Ghawdex mibnija fuq porzjon arl tal-kejl ta` cirka tmien mija u ghoxrin metri kwadri (820mk) konfinanti, Majjistral in parti ma` Triq San Xmun, Xlokk ma` Triq il-Punici u Grigal in parti mal-"Pjan ta` Isfel".*

*b) Il-"Porzjon Aft" fi Triq il-Punici, Xlendi fil-limiti tal-Munxar Ghawdex, tal-kejl ta` cirka elf mija u tlieta u ghoxrin metri kwadri (1123mk).*

*c) It-tunnel li jghaqqad il-lukanda ma` xatt il-bahar fil-bajja tax-Xlendi, li jinsab sottostanti Triq San Xmun, Xlendi fil-limiti tal-Munxar Ghawdex, tal-kejl ta` cirka sitta u disghin metri kwadri (96 mk) sottostanti u sovrastanti beni tal-Gvern u konfinanti Majjistral u Grigal ma` beni tal-Gvern, u Xlokk mal-lukanda jew irjieh verjuri.*

*d) Il-Pjan ta` Isfel minghajr numru bl-isem "Marvic" konsistenti f`sular ta` bini tal-kejl ta` cirka mitejn u zewg metri kwadri (202 mk) li jinsab taht il-livell ta` Triq Punici, Xlendi fil-limiti tal-Munxar Ghawdex formanti parti minn blokk bini bla numru maghruf bl-isem "Zerniq Flats" fi Triq San Xmun, Xlendi fil-limiti tal-Munxax Ghawdex.*

*e) Il-Pjan ta` Isfel huwa sottopost ghall-beni ta` terzi u jikkonfina Xlokk ma` Triq il-Punici, Grigal mat-tarag ossija passagi pubbliku u Punent mal-lukanda.*

*f) Il-parking fi Triq il-Punici, Xlendi fil-limiti tal-Munxar Ghawdex, tal-kejl ta` cirka tliet mija u sbatax-il metru kwadru (317 mk).*

*g) Kull u kwalunkwe interess u proprjeta` inkluz u xejn eskluz fl-inhawi tal-istess proprjetajiet fuq deskritti jew relatati maghhom.*

*Illi liema deskrizzjoni tal-imsemmija proprjetajiet tirrizulta ahjar mill-konvenju sopra riferut u qieghda tigi riprodotta sabiex tigi accennata l-importanza tat-tranzazzjoni inkwistjoni.*

*Illi l-kontendenti partijiet kienu ben kjari fil-qbil reciproku versu l-bejgh u x-xiri tal-istess proprjetajiet indikati hawn fuq, u kien intiz li dan il-bejgh jaghmel tajjeb ghall-kredituri kollha tas-socjetajiet Xlendi Resort Ltd u All Seasons Holidays Ltd.*

*Illi l-esponenti qed ihossu ruhhom aggravati bil-fatt li s-socjetajiet Xlendi Resort Limited (C-43577) u All Seasons Holidays Ltd [C-37825) thassar minn fuq ir-Regstru tal-Kumpanniji u ghandhom interess li l-imsemmija socjetajiet jergghu jigu inkluzi fir-Registru tal-Kumpanniji immedjatament sabiex l-istess socjetajiet jew min minnhom ikunu jistghu jidhru fuq l-att finali tal-bejgh in relazzjoni*

*mal-konvenju sopracitat, u li jhallsu lill-kredituri kollha u r-rikorrenti huma ghaldaqstant persuni interessati ai termini tal-ligl.*

*Illi dato ma non concesso li l-ufficjali tal-kumpanniji Xlendi Resort Ltd u All Seasons Holidays Ltd naqsu milli jirregistraw dokumenti statutorji fl-ahhar snin, hekk ukoll, ir-Registratur tal-Kumpanniji wettaq ghadd ta` nuqqasijiet billi esegwixxa ezercizzju kollettiv minghar ma avza lill-persuni interessati b` mod ragjonevoli u effettiv, minghajr ma accerta jekk il-korrispondenza tieghu waslitx ghand id-destinatarji intizi, u minghajr ma ghamel verifiki kif kien mistenni li jaghmel f`ezercizzju li kien jaf a priori li kien wiehed drakonjan u anormali, u li effettivament wettaq dan f` tempistika sbrigata li holqot pregudizzju kollaterali.*

*Illi ghalkemm l-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji li jhassar kumpanniji minn fuq ir-registru possibbilment tista` tkun sanabbli bil-poteri li taghtih il-ligi, l-ezekuzzjoni ta` dawn il-poteri kienet mankanti, pregudikata u skonsiderata fuq duversu livelli.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li jingahtaw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, joghgobha :-*

*1. Tiddikjara illi r-Registratur tal-Kumpanniji kellu javza b`mod ragjonevoli lill-persuni interessati dwar l-ezercizzju kollaterali li kien ser iwettaq, u kellu jiehu mizuri oltre l-proceduri tas-soltu in vista tal-istraordinarjeta` tal-azzjoni tieghu.*

*2. Tiddikjara illi r-Registratur wettaq nuqqasijiet fl-ezekuzzjoni u l-implimentazzjoni tal-poteri moghtija lilu mil-ligi fil-process tat-thassir tas-socjetajiet inkwistjoni minn fuq ir-Registru tal-Kumpannij.*

*3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jerga` jinkludi lis-socjetajiet Xlendi Resort Limited (C-43577) u All Seasons Resort (C-37825) fir-Registru tal-Kumpanniji, u dan bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artikolu.*

*4. Tordna li kopja ufficjali tas-sentenza, ossia ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tas-socjetajiet Xlendi Resort Limited u All Seasons Holidays Ltd tigi notifikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti, lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzioni ghall-finijet u effetti kollha tal-ligi.*

*5. Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa sabiex is-socjetajiet Xlendi Resort Limited u All Seasons Holidays Ltd jitqieghdu fl-istess pozizzjoni li kienu qabel dan it-thassir u li jkomplu bl-ezistenza taghhom daqs li kieku isimhom ma kienx thassar.*

*6. Tordna illi jsiru l-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji u dan kollu taht dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provvedimenti kollha li jistghu jidhrulha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fl-<u>1 ta` Ottubru 2020</u> li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Xlendi Resort Limited (C 43577) giet registratata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ("Registru") fil-15 ta` Frar 2008 filwaqt li All Seasons Holidays Limited (C 37825) giet registrata fit-13 ta` Jannar 2006.*

*Illi wahda mid-diretturi, l-unika azzjonista u segretarja taz-zewg kumpanniji in kwistjoni kienet Maryrose Vella.*

*Illi fiz-zmien li damu fuq ir-Registru, iz-zewg kumpanniji naqsu mill-obbligi legali taghhom milli jibghatu kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Tant hu hekk illi l-ahhar prospett annwali li ntbaghat minn All Seasons Holidays Limited (C 37825) kien tas-sena 2011 u l-ahhar kontijiet annwali kienu tas-sena 2011. Illi fil-kaz ta` Xlendi Resort Limited (C*

*43577), l-ahhar prospett annwali kien tas-sena 2012 filwaqt li l-ahhar kontijiet annwali kienu jgibu d-data tal-31 ta` Dicembru 2010. Il- multi fuq il-kumpanniji jammontaw ghal €6,699.00 fil-kaz ta` Xlendi Resort Limited u €5,803.50 fil-kaz ta` All Seasons.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent jipprocedi sabiex juza l-procedura preskritta skont l-artikolu 325 tal-Att billi ntbaghtet il-korrispondenza kollha u billi saru l-pubblikazzjonijiet illi kellhom isiru sabiex iwasslu ghat-thassir tal-isem tal-kumpanniji minn fuq ir-Registru. Dan kemm-il darba ma tintweriex raguni bizzejjed sabiex isir il-kuntrarju.*

*Illi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 325 jinghad illi jekk : "ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta tkun ntbaghtet l-ittra …"*

*Illi wkoll, fis-subartikolu (4) tal-istess Artikolu jinghad illi jekk : "membru jew kreditur tal-kumpannija jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha nteress li thossha aggravata bit-thassir tal-isem tal-kumpannija, bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra …"*

*Ghalhekk jidher bic-car illi r-Registratur m` ghandu l-ebda obbligu legali illi jaghmel xi tip ta` ricerki hu sabiex jassigura ruhu illi l-kumpanniji in kwistjoni kinux qeghdin jaghmlu xi transazzjonijiet ma` terzi persuni. Fl-istess hin, mill-kliem taz-zewg artikoli citati, l-esponent lanqas ma ghandu xi dmir li jara illi l-kredituri taz-zewg kumpanniji in kwistjoni kinux thallsu qabel ma jmexxi bil-procedura ai termini tal-artikolu 325.*

*Illi dan ghaliex ovvjament wiehed jistenna u jippretendi illi huma l-ufficjali tal-kumpanniji in kwistjoni illi ghandhom l-obbligu illi javzaw lill-esponent b` xi tip ta` interess illi jistghu ikollhom sabiex it-thassir tal-isem taz-zewg kumpanniji ma ssirx. Dan huwa mistenni mill-iktar zewg ufficjali mportanti tal-kumpannij li f`idejhom ghandhom l-amminstrazzjoni u t-tmexxija tal-kumpanniji u tal-assi taghhom. Illi zgur li hadd iktar minnhom m` ghandu l-interess li jara illi tali assi ma jintilfux.*

*Illi ghalhekk huwa stramb l-fatt kif Mary Rose Vella bhala wahda mid-diretturi u s-segretarja taz-zewg kumpanniji illi obbligat ruhha kontrattwalment u sahansitra tidhol f`konvenju, meta hija personalment kienet konxja illi z-zewg kumpanniji ta` liema hi kienet wahda mid-diretturi u s-segretarja ma kinux in regola mal-Att. Huma proprju n-nuqqasijiet u traskuragni taghha u tal-ufficjali l-ohra illi xprunaw lilll-esponent illi jibda d-defunct procedure fil-konfront taz-zewg kumpanniji in kwistjoni. Huwa stramb il-fatt ukoll kif wiehed jghid illi l-kumpanniji kienu attivi u fl-istess hin ma tibghat ebda dokumentazzjoni ghal-snin shah ghar-registrazzjoni. It-trasparenza hija kuncett bazika ta` governanza tajba u tali nuqqas iwassal ghal nuqqas ta` informazzjoni u drittijiet ta` terzi persuni.*

*Illi billi hadd ma oggezzjona ghat-thassir tal-isem taz-zewg kumpanniji fit-terminu ta` tliet xhur preskritt mil-Att, u liema terminu kien sahansitra ppubblikat fuq gazzetta lokali, la min-naha tal-kumpanniji u lanqas mill-ufficjal taghhom u lanqas minn terzi persuni l-esponent mexa sabiex avza permezz tal-pubblikazzjoni relevanti illi l-isem taz-zewg kumpanniji kien effettivament gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi l-esponent juza l-procedura taht l-artikolu 325 f` kaz ta` kumpanniji bhal dawn li tant idumu mhux in regola mal-Att u li tant kienu ilhom ma jibaghtu kontijiet u prospetti annwali illi huwa jasal biex jassumi illi dawn ma jkunux qeghdin joperaw jew imexxu negozju.*

*Illi l-esponent semplicement f` kazi ta` kumpanniji bhal dawn illi jigu mitluqa juza l-poter illi kjarament ittih il-ligi. Ir-Registratur ma wettaq l-ebda nuqqas fl-ezekuzzjoni u fl-implimentazzjoni u fl-ezercizzju tieghu ta` tali poter. Illi l-unika raguni li wasslet lill-esponent illi juza l-artikolu 325 tal-Att kienet semplicement xprunata min-nuqqas u mit-traskuragni ta` Mary Rose Vella u tal-ufficjali kollha tal-kumpanniji in kwistjoni.*

*Illi r-Registratur ma kellu ebda dokumentazzjoni illi turi illi l-kumpannija All Seasons Holidays Limited (C 37825) kienet taht l-amministrazzjoni tal-amministratur provizorju.*

*Illi a kontrarju ta` dak li qieghed jintqal fit-talba, ir-Registratur mexa skont il-ligi u avza b`mod ragonevoli ghall-ahhar (annessi u mmarkati bhala Dok. A, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga*

*mir-Registratur). Il-pubblikazzjoni illi tinforma li l-kumpanniji ser jigu mhassra harget fuq l-istess gazzetta illi r-rikorrenti annettew l-artiklu, ghaldaqstant jidher car illi r-rikorrenti u l-persuni involuti kollha setghu ssiru jafu b`tali pubblikazzjoni. Huwa hasra illi r-rikorrenti ghazlu illi jannettu certa dokumenti biss u mhux kull dokument relevanti ohra sabiex tinghata stampa iktar cara tal- kaz odjern.*

*Illi skont it-tieni talba r-Registratur wera nuqqasijiet fl-ezekuzzjoni u l-implimentazzjoni tal-poteri illi kif jidher mid-dokumentazzjoni annessi dan mhux minnu, in-nuqqas sar mill-ufficjali tal-kumpanniji illi kienu komdi ma jsegwux l-obbligi taghhom skont il-ligi u l-kumpanniji jibqghu attivi filwaqt illi bin-nuqqas serju taghhom, terzi persuni ma kellhomx access ghal informazzjoni. Hassewhom komdi wkoll illi jinjoraw kull korrispondenza li tul is-snin saret mir-Registratur, kemm fejn jidhol multi u kemm x`hin ir-Registratur wasal fi stat li kien ser ikollu jhassar l-isem tal-kumpanniji.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur qieghed joggezzjona illi l-isem taz-zewg kumpanniji jerga` jitqieghed fuq ir-Registru sakemm huma ma jigux in regola mal-Att billi jintbaghtu d-dokumentazzjoni kollha li qatt ma giet sottomessa u billi jithallsu il-penali kollha dovuti lilu. Dan dejjem taht dawk il-provedimenti u direttivi illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa f` dan il-kaz.*

*Illi l-esponent jixtieq umilment jigbed l-attenzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti illi fir-risposta tieghu ghar-rikors li sar quddiemha kif presentement preseduta fl-ismijiet premessi: Excel Investments Limited (C 81721) vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji Rikors Nru: 36/2020 JZM) sabiex ghar-ragunijiet ta` pratticita` ikunu jistghu jinstemghu flimkien.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza, l-ahhar wahda dik tat-28 ta` Jannar 2021.

**Rat illi f`din l-ahhar udjenza l-qorti kellha konferma li fil-mori tal-kawza kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li Xlendi Resort Limited kellha mal-intimat qabel sar it-thassir taghha mir-registru, kif ukoll li minhabba dan il-fatt l-intimat ma kienx qed jopponi li l-isem ta` din il-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Semghet ukoll fl-istess udjenza d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li ma kellhomx aktar interess illi l-isem tal-kumpannija All Seas Holidays Limited jerga` jidhol fir-registru.**

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## III. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-**<u>Art 325 tal-Kap 386</u>** li jghid :-

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li*

*ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u*

*tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

L-intimat ipproceda biex hassar mir-registru l-isem tal-kumpanniji Xlendi Resort Limited u All Seasons Holidays Limited, abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli.

Ir-rikorrenti mexxew bl-azzjoni abbazi tas-subartikolu (4) : fil-kaz tar-rikorrenti Mary Rose Vella bhala azzjonista ; waqt li fil-kaz tar-rikorrent Joseph Vella bhala persuna li ghandha interess. Il-qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ghandhom *locus standi.*

Is-subartikoli (3), (5), (6) u (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

## IV. <u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet</u>

Il-kawzali li wasslu ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet huma bbazati fuq kongetturi u supposizzjonijiet minghajr fondament.

Il-kondotta tal-intimat tirrizulta spjegata bl-aktar mod car fir-risposta tieghu b`fatti u dettalji li mhux kontradetti.

Kienet l-imgieba taz-zewg kumpanniji, ghar-ragunijiet li semma l-intimat fir-risposta, konsistenti f`inadempjenzi ripetuti fit-twettieq tal-obbligi taghhom skont il-Kap 386, li wasslet lill-intimat sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tghid illi kien ghaliex il-kumpanniji komplew ikunu nadempjenti li skatta t-thassir tal-isem skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-intimat segwa tajjeb il-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet qeghdin jigu respinti.**

## V. <u>It-talbiet l-ohra</u>

Wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, il-qorti tirrileva li sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrenti wrew disponibilita` li jirregolaw l-pendenzi li kellhom iz-zewg kumpanniji mal-intimat qabel dan ta bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem mir-registru.

Tajjeb jinghad li fil-kors tal-kawza odjerna, kienu risolti l-pendenzi kollha li kellha Xlendi Resort Limited. Dwar il-kumpannija l-ohra, ir-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx aktar interess li jkomplu jitolbu li l-isem jerga` jidhol fir-registru.

Fuq l-iskorta tal-atti, il-qorti fehmet u qieset dak li xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni.

**Tenut kont ta` kif ir-rikorrenti wrew impenn tangibbli *pendente lite* sabiex igibu fl-ordni l-pendenzi li kellha Xlendi Resort Limited, liema mpenn kien accettat mill-intimat, il-qorti tqis li jkun xieraq li l-isem ta` Xlendi Resort Limited jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Il-qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull min huwa responsabbli.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi –**

**Tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra safejn dawn jirrigwardaw il-kumpannija All Seasons Holidays Limited li kellha n-numru ta` registrazzjoni C37825 in vista tad-dikjarazzjoni li ghamlu r-rikorrenti fil-mori tal-kawza li ma kellhomx aktar interess li l-isem ta` din il-kumpannija jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji.**

**Tilqa` t-talbiet l-ohra safejn dawn jirrigwardaw il-kumpannija l-ohra billi :-**

**a) Tordna li l-isem Xlendi Resort Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C43577 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**b) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Xlendi Resort Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C43577 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**c) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Xlendi Resort Limited li kien abbinat mal-kumpannija li**

**kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C43577 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Xlendi Resort Limited (C43577) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kif ukoll kull spiza relatata mal-ezekuzzjoni ta` din id-decizjoni.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**